MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Mandat Numru. 811/2009/1

**Supreme Travel Limited**

**-vs-**

**1. Ministru Ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**
**2. Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti ;**

**Rat** ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fit-18 ta' Mejju 2009 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli –

**Jippermettu, jawtorizzaw u/jew jillicenzjaw vetturi u/jew operaturi sabiex joperaw servizz skedat (*scheduled service*) maghruf bhala '*hop on hop* off' permezz ta' vetturi '*open top* buses' gewwa Malta**

**Rat** ir-ragunijiet li gabet ir-rikorrenti sabiex tiggustifika t-talba ghall-hrug taghha li principalment kienu dawn –

(a) Ir-rikorrenti ffirmat kuntratt mal-Awtorita' intimata msejjah '*Concession Agreement for the provision of a sight-seeing passenger tour service using open-top buses – Tour A – North Tour'.* – DOK A.

(b) Ir-rikorrenti ffirmat kuntratt iehor mal-Awtorita' intimata msejjah '*Concession Agreement for the provision of a sight-seeing passenger tour service using open-top buses – Tour B – South Tour'.* – DOK B.

(c) Il-klawsoli 1 u 2 ta' kull wiehed miz-zewg kuntratti kienu jaghtu lir-rikorrenti '*the exclusive right to operate the project'* ghal zmien tmien snin mid-data tal-kuntratt.

(d) Dan id-dritt kien ad eskluzjoni ta' terzi.

(e) L-intimati behsiebhom jippermettu lil terzi li joperaw servizz skedat '*hop on hop off*' permezz ta' *'open top buses'* fuq rotot identici u/jew simili ghal dawk tar-rikorrent u jaghmlu uzu minn '*bus stops*' istallati mir-rikorrenti spejjes taghha skond il-kuntratti.

(f) B'hekk mhux se jonoraw l-obbligi taghhom fil-konfront tar-rikorrenti.

**Rat** id-digriet taghha tat-18 ta' Mejju 2009 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament u ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati.

**Rat** ir-risposta tal-Awtorita' intimata tat-28 ta' Mejju 2009. Fit-twegiba, l-Awtorita' intimata fis-sostanza tghid hekk –

(a) Fir-rikors huma karenti r-rekwiziti necessarji ghall-hrug tal-mandat.

(b) Ir-rikorrenti m'ghandhiex id-dritt ta' esklussivita'.

(c) Il-kuntratti bejn il-partijiet gew terminati.

(d) L-Awtorita' hija marbuta bil-ligi li taghmel propju l-kontra ta' dak li r-rikorrenti tippretendi li ghandu jsir.

**Rat** ir-risposta tal-intimat Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni tat-28 ta' Mejju 2009. Fit-twegiba, il-Ministru intimat fis-sostanza jghid hekk –

(a) Il-Ministru mhux il-legittimu kontradittur. Dak li r-rikorrenti qed jitlob mill-Qorti li taghmel ma jistax jigi dirett fil-konfront tieghu ghaliex il-mansjoni in kwistjoni mhix tieghu izda hija vestita f'entita' ohra.

(b) L-Art.873(3) tal-Kap.12 ma jistax jigi applikat fejn jirrigwarda lill-Ministru minhabba impossibilita' legali *stante* li l-mansjoni biex johrog permessi mhix vestita fil-Ministru.

(c) Fi kwalunkwe kaz, u dan bla pregudizzju, il-kwistjoni tista' tkun biss wahda ta' danni.

(d) Ma jirrizultawx ir-rekwiziti tal-ligi ghall-hrug tal-mandat.

**Semghet** il-provi li ressqu l-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2009 u t-trattazzjoni li saret mid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat** :-

Skond l-Art.873(1) tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-Art.873(2) tal-Kap.12 –

*Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi. It-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu, [*prima facie*] dawk il-jeddijiet.

Minn kliem il-ligi stess, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-mandat. Siewi wkoll li wiehed iqis li l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Minn dan johrog li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**Ikkunsidrat** –

Abbazi tal-fatti li ngiebu a konjizzjoni taghha, u fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tghid hekk -

a) Min-naha wahda, hemm il-kuntratti markati DOK A u DOK B li *prima facie* jaghtu drittijiet (u obbligi) lir-rikorrenti.

b) Min-naha l-ohra, hemm il-prova daqstant iehor *prima facie* tal-Awtorita' intimata li dawk il-kuntratti gew terminati. Dwar ir-ragunijiet mhux kompitu ta' din il-Qorti

tiddeciedi li dwarhom ghall-fini tat-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

c) Jibqa' l-fatt li *jekk* l-Awtorita' intimata kienet inadempjenti fil-konfront tar-rikorrenti, ir-rimedju li r-rikorrenti qed titlob sabiex tikkawtela l-posizzjoni taghha mhuwiex il-hrug ta' dan il-Mandat ghaliex ma rrizultax mill-provi jew sottomissjonijiet li tressqu quddiem din il-Qorti li minghajr il-hrug tal-Mandat ir-rikorrenti se jgarrab pregudizzju jew hsara rreparabbli.

d) *Del resto* r-rikorrenti kkontrattat ma' Awtorita' pubblika kostitwita b'ligi, u jekk hija tal-fehma li d-drittijiet taghha gew vjolati, hija ghandha rimedji adegwati skond il-ligi sabiex thares id-drittijiet taghha. Din il-Qorti tghid abbazi tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni mhuwiex wiehed minnhom.

e) Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ir-rikorrenti ma wrietx ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti ghaliex hija talbet il-hrug tal-Mandat kontra l-Ministru intimat. Anke *prima facie* rrizulta li dak il-Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.

f) Fi kwalunkwe kaz, dak provdut mill-Art.873(3) tal-Kap.12 jkompli jsostni l-premess.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li l-hrug tal-mandat mhux mehtieg sabiex jigu mharsa d-drittijiet tar-rikorrenti tenut kont li mhux qed jirrizultaw ir-rekwiziti kollha tal-Art.873 tal-Kap.12.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda:-**

**1) Tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tat-18 ta' Mejju 2009 bl-ispejjes kontra taghha.**

**2) Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-18 ta' Mejju 2009 fejn kienet laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------